# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## Deċiżjoni numru 3058

Każ numru 4269/JHP

Fil-kwistjoni tax-xogħol bejn

Absolute Services Ltd (C5861)
U
Ma Genia Montecioso (I.D 223962A)

dwar terminazzjoni ta' kuntratt ta' impieg għall perjodu definit, qabel iż-żmien

**Chairman: <u>James Henry Pearsall</u>**

**Illum 10 ta' Marzu 2025**

**(1) Ir-riferenza tal-każ:**

Dan il-każ ġie riferut kemm permezz ta' rikors datat fil-11 ta' Jannar 2024maghmul minn **Absolute Services Ltd**

Il- kumpanija Absolute Services Ltd permezz ta' **l-Avv. Veronica Spiteri**, isosstni li filwaqt li kellha kuntratt ta' xogħol fuq bażi ta' żmien definit għal tlett snin, Ma Genia Montacioso tgħat ir-riżenja tagħha minn mal-kumpanija qabel l-għeluq tat-terminu ta' tlett snin kif stipulat fl-istess kuntratt.
Din ir-riżenja tagħha saret mingħajr raġuni ġusta u suffiċjenti skont il-liġi

**Ma. Genia Montecioso,** permezz ta' l-Avv. Adrian Sciberras fir-risposta tagħha datat 2 ta' April 2024, t'għati spjegazzjoni ta' fatti li wasslu għar-riżenja tagħha, u issostni ukoll li hija kienet ħadmet il-perjodu ta; tlett snin kif kellha fil-kuntratt, u għaldaqstant ir-raġuni tar-riżenja tagħha kienet waħda ġusta u skond il-liġi.

**(2) Ir-rappreżentanza:**
Il-kumpanija Absolute Services Ltd li min issa il-quddiem ser tissejjah is-soċjetà rikorrenti hija rappreżentata mill-**Avv: Dr. Veronica Spiteri.**

Ma. Genia Montacioso li minn issa il-quddiem ser tissejjah l-intimata, ser tkun rappreżentata mill-**Avv: Dr Adrian Sciberras**

**(2) Il-fatti fil qosor:**

Is-soċjetà rikorrenti kienet impjegat lill-intimata permezz ta' kuntratt tax-xogħol fuq bażi definita ta' tlett snin,
u li dan ġie iffirmat miż-żewġ partijiet, kif muri fl-istess kuntratt datat 2 ta' Novembru 2020. (Rif Doc A)
Ir-rikorrenti ġiet formalment irreġistrata mall-Jobs Plus li bdiet l-impieg tagħha fl'1 ta' Mejju 2021 (Rif Dok JG1).
Għaldaqstant is-soċjetà rikorrenti issostni li l-intimata, li irriżenjat mill-impieg fit-23 ta' Settembru 2023, kienet kisret il-kuntratt li kellha mas-soċjetà u għalhekk qiegħda titlob lill-intimata is-somma ta' elfejn tmien mija u tmienja u sebgħin ċenteżmu ta' l-euro liema ammont jirrappreżenta is-sebgħa xhur u tmintax il-ġurnata li l-intimata naqqset mill-tħallas bħal pre liquidated damages skont il-kuntratt.

Minn naħa ta' l-intimata, tispjega li filwaqt li kienet iffirmat il-kuntratt tax-xogħol għall tlett snin, datat 2 ta' Novembru 2020, hija issostni li fil-fatt hija bdiet taħdem u titħallas mingħand is-soċjetà rikorrenti minn Awissu 2020, u għaldaqstant ma kisret l-ebda kuntratt u l-anqas għandha tħallas lura flus li is-soċjetà rikorrenti tgħid li għal xi raġuni huma dovuti lilha.

**(3) Lista tax-xhieda:**

Minn naħa tas-soċjetà rikorrenti hemm lista ta' xhieda kif annessa mar-rikors preżentat minnha.
Minn naħa intimata hemm lista ta' xhieda kif annetta mar-risposta preżentata minnha.

**(4) Lista tad-dokumenti:**

Minn naħa tas-soċjetà rikorrenti **DOK A;B;C u D**
Minn naħa ta' l-intimata **DOC GM1 u DOC GM 2**

**(5) Ġabra tax-xhieda fil qosor:**

**Seduta 25 ta' Novembru 2024**

**Tribunal mistoqsija**: "________________*There was a period where you were not officially documented within the employment, but the company gave you work and they paid you, and they paid you. You remember this ? They paid you, you did not work for nothing, you did not stay at home doing nothing.*_____"

**Ma. Genia Montecioso: "***Eehe paid me when I was work with him"*

*" I'm starting September one".*

*" When I start work, she give me a payslip then what in the payslip, that's when he gave me* (payment*)"*

**Seduta 28 ta' Ottubru 2024:**

**Joseph Gauci Managing Director Absolute Services:** *" The date on the agreement is the second of November 2020, that's when it was signed before we applied with ID Malta.".*

*" She started working with the client ____________ before we have been applied with ID Malta.*

**Mist Avv: DR D. Kazakov: "** *She was getting paid??"*

**Joseph Gauci: "** *Yes yes***"**

**Tribunal** mistoqsija *"bdiet taħdem mit-tnejn ta' Novembru ta' Twenty twenty*?".

**Joseph Gauci: "**IVA".

*" Kindly accept_______, this letter , the formal resignation as carer. My last day is expected to be on September thirteenth. I am incredibly grateful"*

**L-Avv: A Sciberras**: mistoqsija. " ______________*Can you confirm , she actually worked for three years before resigning ?"*

**Joseph Gauci: "***She was working. Yes , in September she was working"*

**L-Avv A. Sciberras:** mistoqsija " So, she fulfilled her contract____?".

**Joseph Gauci: "** *She was working Direct with the client. We paid her yes***".**

**Seduta 22 ta' April 2024:**

**L-Avv: Veronica Buttigieg:** mistoqsija " ____tiftakar forsi kemm qabel bdiet. Qabel ma kienet irreġistrata_________mal-Jobsplus?"

**Michael Buttigieg :** Hr manager tas-soċjetà rikorrenti.

*" Mela hi bdiet taħdem , tagħmel daqsxejn xogħol mal-kumpanija mill-ewwel ta' Awissu two thousand and twenty*".

**L-Avv; V. B** mistoqsija *" Hemm kemm tikkonferma li dawn huma l-payslips tagħha."*

**Michael Buttigieg:** *" Yes, dawn huma l-payslips tagħha u l-ammont fil-fatt qed jiġi hawnhekk li huwa seba' mija u tmenin euro fix-xahar."*

**Trattazzjoni finali:**

Fit- trattazzjoni finali li kienet magħmula permezz ta' noti miż-żewġ naħat u li ġew ittrattati fl-aħħar seduta

**L-Avv: Dr. Veronica Spiteri** għas-soċjetà rikorrenti filwaqt li għamlet riferenza għal tlett dokumenti

**(DOK A)** Kopja tal kuntratt tax-xogħol bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimata (żmien definit ta tlett snin)

**(DOK B)** Permessi meħtieġa għax-xogħol li jinkludu reġistrazzjoni mal- Job's Plus fl-1 ta Mejju 2021

**(DOK C)** Ittra ta riżenja mingħand l-intimata datata 13 ta' Settembru 2023.

L-argumenti tas-soċjetà kien jirreferu li kuntratt bejn żewġ partijiet ma jistax jiġi irrevokat unilateralment mingħajr il-kunsens taż-żewġ partijiet. Kif ukoll sostniet li persuna tkun uffiċjalment bdiet l-impieg meta hi tkun ġiet irreġistrata mall-Job's Plus, u li fl-aħħar net l-intimata kisret il-kuntratt għax ma tagħtx l-avviż meħtieġ (notice) kif rikjest fil kuntratt.

Is-soċjetà tinsisti li kuntratt definit li jintemm qabel iż-żmien prenotat igorr il-piena skond il-liġi.

**L-Avv.. Adrian Sciberras;** għal intimata, jesponi l-fatt li l-intimata filwaqt li kellha applikazzjoni għal permess għax-xogħol f'Malta quddiem l-awtorità kompetenti. L-intimat, ukoll kellha kuntratt mas-soċjetà rikorrenti, għall żmien definit ta' tlett snin datat fit 2 ta Novembru 2020. Il-punt importanti kien li l-intimata bdiet taħdem mis-soċjetà rikorrenti u ta dan ix-xogħol bdiet titħallas kull l-aħħar tax-xahar skond il-ftehim li kellha fil-kuntratt, u dan mix-xahar ta Settembru 2020.

Għaldaqstant, **Dr A. Sciberras**, issostni li r-relazzjoni ta' tax-xogħol bdiet f'Settembru 2020 u mhux fl-1 ta' Mejju 2021. Hu isostni li jekk kien hemm xi haġa ħażina din saret minn naħa tas-soċjetà rikorrenti, għax hi kienet responsabbli li tirreġistra lil-intimat mal-Job's Plus fiż-żmien propizju.

**Dr. Adrian Sciberras** jirreferi għal Equitable Estoppel prinċipju li huwa riferut anke fil-qrati Maltin **.**

**Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal:**

It-Tribunal fil-kunsiderazzjonijiet tiegħu għar-rigward il-perjodu ta' bejn Settembru 2020 u Settembru 2023, għamel dawn il-mistoqsijiet :

(1) Kien hemm xi tip ta' kuntratt ta' xogħol, bejn is-soċjetà rikorrenti u l-intimata?
(2) Kienet stabbilita xi relazzjoni ta' xoghol bejn ir-rikorrenti u l-intimata?
(3) Kienet tigi mghotija xi tip ta' rimunerazzjoni lill-intimata matul il-perjodu li hi kienet tattendi fuq il-post tax-xoghol, anke meta l-impieg ma kienx ifformalizzat ufficjalment?
(5) Kien intbaght xi tip ta' avviz ta' terminazzjoni mill-impieg lis-socjeta rikorrenti, minn naha ta' l- intimata?.

It-Tribunal waqt il-kunsiderazzjonijiet tiegħu, fehem li il-każ huwa wieħed li huwa mitigat fuq l-argument ta' meta effettivament beda l-impjieg ta' l-intimata u dan jekk hux fis-1 ta' Settembru-2020 jew l' 1 ta' Mejju 2021.

Mill-fatti li ħarġu f'dan il-proċess l-intimata kienet tidhol għax-xogħol għand is-soċjetà rikorrenti sa minn 1 ta' Settembru 2020, u kienet tirċievi ħlasijiet, skont il-ġimghat u xhur tas-servizz li kienet tagħti,(Rif Dok JG2) .Huwa ikkonfermat li l-impjieg ta' l-intimata kien irreġistrat mal-Job's Plus fl-1 ta' Mejju 2021, però dan ma' jfissirx li qabel dik id-data ma' kienetx teżisti relazzjoni lavorattiva bejn l-intimata u is-socjeta rikorrenti. **Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi mpjieg bħala** ***'...li tinkludi kull relazzjoni li biha persuna tkun taħdem jew tagħmel xi servizzi għal persuna oħra'***.

U huwa propju għalhekk li l-intimata sostniet li, it-talba għat-terminazzjoni mill-impieg tagħha ġiet mibgħuta fit 12 ta' Settembru 2023, b'riżultat li tali temma ta' mpjieg (riżenja) kienet effettiva wara l-għeluq tal-perjodu ta' tlett snin, kif indikat fil kuntratt, minn meta bdiet ir-relazzjoni ta' l-impieg ta' l-intimata.

It-Tribunal għamel analiżi komprensiva tax-xhieda taż-żewġ partijiet u ikkonferma li kien hemm kuntratt iffirmat bejn iż-żewġ partijiet data 2 ta' Novembru 2020 li kien jindika ċar li l-impieg ta' l-intimata kellu jibda________ fis-sena 2020 u li dan għandu ikun għall tlett snin [Rif Doc GM2 Art (2) pag 1]

It-Tribunal fehem sew li l-intimata, kif mitluba mis-soċjetà rikorrenti, bdiet tattendi fil-post tax-xogħol, filwaqt li huwa tal-fehma li l-fatt li fil-1-05-2021 l-impieg ta' l-intimata ġie reġistrat mal-Job's Plus, (Rif Doc JG 1), kien biss ir-regolarizzazzjoni tar-relazzjoni lavorattiva li kienet diġà teżisti. Dan il-fatt ma jħassarx li dak ix-xogħol li l-intimata kienet ħadmet qabel, u tħallset tiegħu, kien illeċitu jew qiesu qatt ma' sar.

**(6) Motivazzjoni:**

It-Tribunal wasal għad-deċiżjoni tiegħu wara li fehem iċ-ċirkustanzi kollha tal każ u għamel riferenza għall deċiżjoni mgħotija minn dan l-istess Tribunal (Rif Deċiżjoni Nru 2946 JHP Ruth Vella vs Margaret Borg).

Ifakkar ukoll li relazzjoni lavorattiva iseħħ mhux biss għax il-persuna tkun reġistrata formalment, iżda għax jeżistu regolamenti u prassi, li anke jekk ix-xogħol li tagħmel persuna, dan jithallas in kind ukoll huwa mitqies bħal xogħol.

**(7) Id-Deċiżjoni:**

It-Tribunal ħa konjizzjoni tad-dikjarazzjonijiet tal-każ kif ippreżentati miż-żewġ partijiet, żamm tlettax(13)
il-seduta. Ma kienx possibbli li it-Tribunal jiddeċiedi dan il-każ fiż-żmien kif stabbilit mill-Liġi minħabba ċirkustanzi amministrattivi li l-istess Tribunal m'għandux kontroll fuqhom.

Wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, qara s-sottomissjonijiet, evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ħa kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet jemmen u jikkonferma, li tenut kont taċ-ċirkustanzi kollha, il-perjodu ta' qabel Mejju 2021 kien wieħed ta' relazzjoni lavorattiva, bil-kunsens taż-żewġ partijiet, u dan f'attività ta' xogħol leċitu.
It-Tribunal mill-fatti kif preżentati lilhu jagħraf li l-impieg ta' l-intimata ġie regolarizzat mid-data kif muri fil-formula tal-bidu ta' impieg, (engagement form Jobsplus) f'Mejju 2021, iżda dan bl-ebda mod dan ifisser, li l-perjodu ta' qabel din id-data, fejn l-intimata tat-servizz kif meħtieġ mis-soċjetà rikorrent u li għal dan ġiet imħallsa regolarment, li din ma kienetx relazzjoni ta' xogħol, jew dan ma kienx impieg.
It-Tribunal, ma jistax ma jagħtix każ li kien hemm kuntratt għax-xogħol b'data maqbula bejn iż-żewġ partijiet, u li filwaqt dan beda jiġi utilizzat għal gwadann taż-żewġ partijiet.

It-tribunal Industrijali filwaqt li jara li kuntratt iseħħ fl-ambitu ta' **Pacta sunt Servanda**, minn naħa l-oħra ma jistax jippermetti l-minħabba burokrazija tiġi usurpata xi waħda mill partijiet, għax ikun l-istess Tribunal li qiegħed ibierek l-inġustizzja. Hija prassi magħrufa li l-Jobsplus tippermetti li il-formola ta' l-ingaġġ tista' tiġi sottomessa wara li l-persuna tkun diġà bdiet taħdem, li ma tippermettix hu li id-data ta' l-ingaġġ ma tkunx dik li effettivament l-impjegat ikun beda jaħdem u jithallas.

Għaldaqstant it-Tribunal jaqta u jiddeċiedi li it-talba kif mitluba mis-soċjetà rikorrenti ma tistax tiġi milqugħa.

**(Iffirmat)**

| | | |
|---|---|---|
| **James Pearsall** | **Vera Kopja** | **Graziella Borg** |
| **Chairman** | | **Għas-Segretarju** |